



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 3 ta' Ġunju 2010 (08.06)
(OR. en)**

10625/10

FIN 230

NOTA

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Nru prop.:	10315/10 BUDGET 35 FIN 212
Suġġett:	Abbozz tal-estimi li jemendaw il-baġit tal-Kunsill Ewropew u l-Kunsill (Taqsim II) għas-sena finanzjarja 2010 bil-ħsieb tal-istabbiliment tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

1. Fit-28 ta' Meju 2010, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill baġhat l-abbozz ta' estimi msemmi hawn fuq lill-Kumitat tal-Baġit.
2. Fil-qafas tal-istabbiliment tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) dan l-abbozz ta' estimi għandu l-għan li jimmodifika t-Taqsim II (Kunsill Ewropew u Kunsill) fl-2010. L-unika bidla hija tabella riveduta tal-persunal li tidentifika 411-il kariga li għandhom jiġu trasferiti lis-SEAE, li minnhom 368 kariga kienu relatati mas-servizzi trasferiti lis-SEAE u 43 kariga għall-appoġġ. L-appropriazzjonijiet korrispondenti ser jibqgħu fit-Taqsim II.
3. Ladarba l-Coreper japprova dan l-abbozz ta' estimi, l-ittra kif imniżżla fl-ANNEX III ser tiġi indirizzata lill-Kummissjoni biex tiġi inkluża fl-abbozz ta' baġit emendatorju relatat mas-SEAE li għandu jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni lill-awtorità baġitarja.

4. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta fil-laqgħat tiegħu tal-1 u t-3 ta' Ġunju 2010.

L-ebda delegazzjoni ma opponiet dan l-abbozz ta' estimi kif irreġistrat fl-ANNEX I u l-abbozz ta' dikjarazzjoni għall-minuti tal-Coreper kif irreġistrat fl-ANNEX II. Madankollu, żewġ delegazzjonijiet żammew riżerva.

5. L-abbozz ta' estimi huwa ppreżentat lill-Coreper għall-konferma tal-eżitu tal-proċedimenti tal-Kumitat tal-Baġit kif imniżżel fil-Punt 4 ta' hawn fuq.

Abbozz ta' estimi li jemendaw it-Taqsima II tal-baġit għall-2010
(li għandu jġi inkluż tal-abbozz ta' baġit emendatorju rigward is-SEAE)

Kategorija u Grad	Baġit oriġinali 2010		
	Karigi permanenti	Karigi temporanji	
		President KE	Oħrajn
HC	2	0	0
AD 16	11	1	0
AD 15	34 ¹	0	1
AD 14	86 ²	2	9
AD 13	135	0	0
AD 12	270	0	8
AD 11	192	0	12
AD 10	89	7	1
AD 9	115	0	2
AD 8	78	0	0
AD 7	149	0	0
AD 6	220	0	0
AD 5	138	0	0
Sottototal	1517	10	33
AST 11	41	0	0
AST 10	39	0	2
AST 9	44	0	0
AST 8	103	0	0
AST 7	281	0	0
AST 6	366	0	1
AST 5	242	0	0
AST 4	200	0	0
AST 3	169	22	0
AST 2	222	0	0
AST 1	278	0	0
Sottototal	1985	22	3
Total	3504	32	36
Total ġenerali	3572		

Kategorija u Grad	Baġit emendat 2010				
	Karigi permanenti		Karigi temporanji		
	Kunsill	SEAE	President KE	Oħrajn	SEAE
HC	2		0	0	0
AD 16	8	3	1	0	0
AD 15	32 ¹	2	0	1	0
AD 14	79 ²	8	2	2	6
AD 13	116	19	0	0	0
AD 12	249	21	0	0	8
AD 11	174	18	0	0	12
AD 10	71	18	7	0	1
AD 9	91	24	0	0	2
AD 8	68	10	0	0	0
AD 7	142	7	0	0	0
AD 6	200	20	0	0	0
AD 5	114	24	0	0	0
Sottototal	1344	174	10	3	29
AST 11	40	1	0	0	0
AST 10	40	0	0	0	1
AST 9	42	2	0	0	0
AST 8	99	4	0	0	0
AST 7	268	13	0	0	0
AST 6	352	15	0	0	0
AST 5	213	29	0	0	0
AST 4	178	22	0	0	0
AST 3	156	13	22	0	0
AST 2	196	26	0	0	0
AST 1	196	82	0	0	0
Sottototal	1780	207	22	0	1
Total	3126	381	32	3	30
Total ġenerali KE u Kunsill	3161				
Total ġenerali SEAE³	411				

- 1) Inklużi 4 aġenti tal-grad AD16 ad personam.
- 2) Inklużi 7 aġenti tal-grad AD15 ad personam.
- 3) 411-il impjeg trasferit lis-SEAE; l-appropriazzjonijiet jibqgħu fil-baġit tal-Kunsill Ewropew u l-Kunsill (Taqsima II)

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI GĦALL-MINUTI TAL-COREPER

"L-approvazzjoni tal-abbozz tal-estimi li jemendaw it-Taqsima II (Kunsill Ewropew u Kunsill) tal-baġit għall-2010 li għandu jiġi inkluż fl-abbozz ta' baġit emendatorju rigward is-SEAE ma tippreġudikax il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar din tal-aħħar."

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti

lil : President tal-Kummissjoni

Sinjur,

Illum, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-abbozz ta' estimi li jemendaw il-baġit tal-Kunsill Ewropew u l-Kunsill (Taqsimha II) għas-sena finanzjarja 2010 li għandu jġi inkluż fl-abbozz ta' baġit emendatorju relatat mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna¹.

(Formula ta' għeluq)

¹ ANNEX I tad-dok. 10625/10 FIN 230.